



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

13542/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0358 (NLE)**

---

**ACP 107**  
**FIN 867**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE  
fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2019  
tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali  
skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn banda waħda, u l- Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE<sup>2</sup> ("id-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali"), huwa għandu jiġi applikat sat-30 ta' Novembru 2021.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 95(4), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid ("il-Ftehim il-ġdid") tnedew f'Settembru 2018. Il-Ftehim il-ġdid mhux ser ikun lest biex jiġi applikat sat-30 ta' Novembru 2021, id-data tal-iskadenza tal-qafas legali attwali. Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali biex tkompli tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (3) L-Artikolu 95(4), it-tieni subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim l-ġdid jidħol fis-seħħ.

---

<sup>1</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat permezz tal-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u permezz tal-Ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L1, 3.1.2020, p. 3).

- (4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni tal-miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE<sup>1</sup>. Għaldaqstant, huwa l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li jrid jemenda l-miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, peress li l-att previst ser ikun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jibqgħu jiġu applikati bil-għan li tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumiex maħsuba bħala emendi fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2019/920] (ĠU L 146, 05.06.2019, p. 114).

## *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, għandha tkun li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2022, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew l-applikazzjoni proviżorja t bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għandhom jiġu applikati f'konformità mal-fini u l-oġettiv tal-Artikolu 95(4) tiegħu.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---